**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 488/2016**

**KJ u RJ (l-ilmentatur u l-ilmentatrici)**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C 30053)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tad-9 ta' Mejju 2018**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment:**

Illi l-provditur tas-servizz kien ikkuntattja lill-ilmentatur fejn gie mitlub biex issir laqgha biex jigi offrut prodotti godda.

L-ilmentatur iltaqa' ma' Erica Caruana, *Financial Planning Manager* tal-provditur tas-servizz u offritelu l-prodott *Lifemark S.A.*

L-ilmentatur kien insista maghha li l-prodott kellu jkun wiehed sikur u hi ikkonfermatlu li l-*Lifemark* kien prodott sikur u anke ismu kien juri dan: '*Lifemark SA Secure'.*

L-ilmentatur ma kienx infurmat bir-riskji li kellu dan il-prodott tant li investa s-somma konsiderevoli ta' USD47,617, u lanqas gie spjegat lilu li l-minimu li seta' jinvesti kien ta' USD20,000.

Ftit tal-jiem wara, l-ilmentatur rega' gie ikkuntattjat minn Erica Caruana fejn qaltlu biex jinvesti l-flus li kien fadallu fil-*Lifemark*.

L-ilmentatur insista ma' Erica Caruana li l-prodott ried ikun sikur ghaliex dawn il-flus kienu l-flus kollha li rnexxielu jfaddal f'hajtu.

Wara li inghata l-assikurazzjoni tas-sigurtà huwa nvesta l-investiment li kien baqalu ma' *Aberdeen Global* li gie trasferit kollu fil-*Lifemark,* bit-tieni trasferiment ikun ta' USD43,718.26.

Peress li Erica Caruana kienet serhitlu mohhu dwar dan il-prodott, informa lil ohtu bil-*Lifemark* u hija investiet is-somma ta' USD25,417.87.

L-ewwel sentejn inghataw l-imghax izda wara waqaf kollox u l-ilmentatur sema' li l-prodott kien mar hazin fl-ahbarijiet. Meta cempel lill-*Manager* tal-provditur tas-servizz, Joanna Varrazzo, din dejjem infurmatu li huwa ser jigbor flusu lura u dan peress li kien hemm hafna flus x'jitqassmu.

L-ilmentaturi qatt ma gie spjegat lilhom li dan il-prodott kien *high risk* u li setghu jinvestu l-minimu ta' USD20,000.

Qeghdin jitolbu lill-Arbitru jiddikajra li l-provditur tas-servizz uza prattici kummercjali ingusti fil-konfront taghhom; li l-provditur tas-servizz tahom pariri hziena u agixxa b'nuqqas ta' hila u sengha fit-twettieq tal-inkariku tieghu li jmorru kontra l-*guidelines* u regolamenti tal-*MFSA;* li l-kunsens taghhom inkiseb b'ingann u b'mod doluz, u dan kien rizultat ta' ghemil qarrieqi li m'ghaddiex id-dettalji kollha tar-riskji involuti fl-investiment. Ghalhekk, il-provditur tas-servizz huwa responsabbli ghad-danni li sofrew liema danni ghandhom jigu likwidati mill-Arbitru.

L-ammonti li huma investew kienu: USD76,320.30 mill-ilmentatur, u USD25,417.87 mill-ilmentatrici.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jidher illi l-ilmentaturi ressqu zewg forom ta' talbiet – wahda ghal rifuzjoni tal-ammont investit minnhom ta' USD76,320.30 u USD25,417.87, kif imfisser fil-Formula tal-Ilment, u ohra konsistenti f'serje ta' talbiet fl-istess Formula tal-Ilment f'pagna 7, fosthom biex is-Sinjorija Tieghu l-Arbitru *"(j)iddikjara li ghalhekk il-kumpanija hija responsabbli ghad-danni kollha li huma soffrew; tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti…,"* liema talbiet, bir-rispett kollu, huma inkompatibbli ma' talba ghar-rifuzjoni tal-ammont investit mill-ilmentaturi, u huma konfuz-

jonarji; illi għalhekk il-kumulu ta' dawn it-talbiet f'daqqa necessarjament iwassal għan-nullità tal-ilment;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess ma huwiex car x'inhu l-ilment imressaq kontra l-eċċepjenti – hemm hjiel sia ta' allegazzjoni ta' '*mis-selling*' u sia ta' allegazzjoni ta' qerq (u necessarjament, allura, vizzju ta' kunsens) – u, għalhekk, l-ilmentaturi naqsu milli jfissru b'mod car u sewwa x'inhu l-bazi tal-ilment tagħhom u, konsegwentement, l-ilment tagħhom huwa null;

3. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta wkoll ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, inkwantu l-ilmentaturi qed jallegaw qerq u/jew vizzju tal-kunsens;

6. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti ma hijiex il-leġittimu kuntradittur tal-ilmentaturi, u hija s-soċjetà emmetrici estera *Lifemark S.A.* li għandha twieġeb għat-talbiet tal-ilmentaturi;

7. Illi, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, huwa car illi l-ilment jittratta effettivament kwistjoni ta' telf fl-investiment; illi, għalhekk, qed jiġi eċċepit il-*casus* in kwantu l-eċċepjenti ma tistax tinsab responsabbli għal telf li seħħ f'investiment li ma kinitx tiġġestixxi; u dan apparti l-fatt illi fornitur ta' servizzi finanzjarji jaġixxi bħala intermedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur għax-xiri tal-investiment;

8. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentaturi, u dan, *inter alia*, stante illi t-telf f'investiment ma jġibx waħdu r-responsabilità awtomatika u/jew vikarja tal-fornitur tas-servizz

izda jrid jigi imputat xi tort attribwibbli lill-fornitur tas-servizz u assolutament ma hux minnu li nghataw xi servizz jew parir hazin mill-eccepjenti, u l-eccepjenti qieghda tirrespingi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt kull allegazzjoni mressqa kontra taghha li agixxiet b'nuqqas ta' hila u sengha fit-twettiq tal-inkarigu taghha u li kisret xi *guidelines* u regolamenti tal-*MFSA,* jew li agixxiet b'mod skorrett u li qarrqet bi kwalunkwe mod lill-ilmentaturi. L-eccepjenti lanqas ma tista' titqies responsabbli minhabba xi komportament iehor u, ghalhekk, it-talbiet fl-ilment tal-ilmentaturi ghandhom jigu respinti;

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-ilmentaturi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li l-ilmentaturi garrbu xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi l-eccepjenti huma responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk, tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi lanqas ma jistghu jippretendu illi kieku l-ilmentaturi investew flushom f'investiment iehor, il-kapital kien ser jibqa' shih.

Sema' lill-partijiet,

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kaz.

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet preliminari**:

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet huma mmirati sabiex l-ilment jigi dikjarat null peress li l-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi ghamlu talbiet inkompatibbli u konfuzjonarji u ghaliex fl-ilment hemm kemm allegazzjoni ta' *misselling* ta' prodott kif ukoll ta' qerq u, ghalhekk, l-ilment m'huwiex car u ghandu jigi dikjarat null.

L-Arbitru ma jara xejn null fl-ilment ghaliex, kif anke rritenew il-Qrati taghna, anke f'kazi fejn il-legizlatur stabbilixxa proceduri aktar formali mill-ilment

quddiem l-Arbitru, in-nullità ta' att gudizzjarju hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola u jekk in-nuqqas fil-formalità ma twassalx ghal xi pregudizzju sostanzjali, il-Qrati taghna irrigettaw talbiet ghal dikjarazzjonijiet ta' nullità.

Fi proceduri quddiem l-Arbitru skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, il-legizlatur ta l-fakultà lill-konsumatur ta' servizzi finanzjarji sabiex jibda l-proceduri quddiemu minghajr ebda formalità; u mkien ma tissemma' n-nullità ta' ilment anzi, peress li l-ilmentatur jista' ma jkunx assistit, l-Arbitru jrid jara li xorta wahda ssir gustizzja mieghu. F'dan il-kaz, l-ilment huwa wiehed car u l-provditur tas-servizz ma sofra l-ebda pregudizzju ghal mod kif inhu redatt l-ilment tant li ghamel risposta u nota ta' osservazzjonijiet estensivi u jidher car li seta' jiddefendi l-kaz tieghu sew.

Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz iqajjem l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 1222(1), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.'*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhux qed isir kaz ghal rexxissjoni ta' obbligazzjoni minhabba vjolenza, zball, ecc., kif jindika dan l-Artikolu tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza 'Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et', (Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol. LXXXII.II.751), dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik tal-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn htija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hija

dik ta’ sentejn), u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta’ hames snin).

Imbaghad, il-Qrati taghna sostnew ukoll:

*‘Illi il-preskrizzjoni ta’ sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta’ l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta’ obbligazzjoni imma “ex delictu vel quasi”. Meta d-danni huma “ex contractu” ghax gejjin minn vjolazzjoni ta’ obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta’ hames snin u mhux ta’ sentejn.’*

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza Avv. Dr Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t’Ottubru 2016:

‘*Il-fatt li f’kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta’ danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili:*

*Il-preskrizzjoni ta’ sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b’reat’ hija applikabbli biss fil-kaz ta’ danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali. (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)’.*

Fil-kaz odjern, l-ilmentatur gie mibjugh prodott finanzjarju kif tindika l-*Purchase Contract Note* u b’hekk tnisslet obbligazzjoni kuntrattwali bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz. Galadarba l-preskrizzjoni ta’ sentejn, skont l-Artikolu 2153, hija applikabbli biss *‘fil-kaz ta’ danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali*’, u f’dan il-kaz kienet tezisti obbligazzjoni kuntrattwali, allura l-preskrizzjoni akwiljana ma tapplikax ghal dan il-kaz.

Il-provditur tas-servizz jikkwota s-sentenza fl-ismijiet ‘Carmel Ciscaldi et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd*.’ deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Mejju 2017, izda jonqos milli jsemmi s-sentenza deciza wara u, cioè, dik tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet: Roland Darmanin Kissaun vs *GlobalCapital Financial Management Ltd.* deciza fl-1 ta’ Gunju 2017, fejn gie deciz li dawn it-tranzazzjonijiet huma ta’ natura kuntrattwali.

L-Arbitru jaqbel mal-ahhar sentenza imsemmija kif ukoll ma’ gurisprudenza kostanti li l-preskrizzjoni akwiljana ma tapplikax fejn hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Kif digà gie spjegat, sar bejgh ta’ prodott finanzjarju

wara li inghata parir mill-istess provditur tas-servizz u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

L-ahhar eccezzjoni dwar preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 li jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' hames snin tapplika ghal: '*azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku'.*

Min jecepixxi l-preskrizzjoni irid jipprova l-perjodu minn meta tista' tigi ezercitata din l-azzjoni. Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet *Stencil Pave (Malta) Limited* vs Dr Maria Deguara noe,

'*Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq'.*

Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz ikun jista' jezercita dik l-azzjoni.

Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:

'*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*'.

Il-provditur ressaq bhala xhud wahdieni lil Michael Schembri, li ma jaghmel l-ebda referenza ghal din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-provditur tas-servizz li qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellu l-obbligu li jipprova din l-eccezzjoni u z-zmien minn meta kellha titressaq l-azzjoni mill-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz jaghmel attentat dwar dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn jghid li l-preskrizzjoni kellha tibda tghodd mid-data tas-17 ta' Lulju 2008, '*minn dakinhar tal-bejgh tal-investiment'.*

L-Arbitru ma jistax jaqbel ma' din l-asserzjoni ghaliex fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-ilmentatur ikun oggettivament f'qaghda li jibda jiehu azzjoni minn meta jkun f'pozizzjoni li verament jista' jezercita l-azzjoni kontra l-provditur tas-servizz. Dan ma jistax isehh hekk kif jixtri l-prodott ghaliex kieku l-provditur tas-servizz jakkuzah b'intempestività jekk mhux ukoll b'vessatorjetà.

Azzjoni tista' tinbeda f'dan il-qasam meta javveraw ruhhom ic-cirkostanzi li jnisslu thassib fl-ilmentatur li min bieghlu l-prodott ma kienx bieghulu tajjeb, u dan hafna drabi jigri meta l-prodott ma jmurx tajjeb jew jibda juri l-inkwiet. Sakemm dan ma jigrix, l-ilmentatur ghandu kull ragun jassumi li l-prodott ikun inbieghelu tajjeb ghaliex huwa jkun mar ghand *financial adviser* li kellu fiducja fih u, ghalhekk, m'ghandux ghalfejn jahseb hazin fih jew li jkollu xi raguni biex ifittxu legalment.

Hafna drabi ssir referenza ghal gurisprudenza ghal tranzazzjonijiet totalment differenti minn investiment fis-settur finanzjarju u, ghalhekk, it-terminu minn mindu jigi kalkolat li setghet issir l-azzjoni huwa totalment differenti.

Investiment fis-settur finanzjarju huwa wiehed tekniku li jrid jiehu l-korsa taz-zmien tieghu biex min jinvesti fih jinduna li jkun jew mar tajjeb jew ingidem. Il-mument oggettiv huwa dak minn meta verament seta' jaghmel l-azzjoni.

L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile*: *Della Prescrizione Cap. XII, par. 364 pag. 279.)* jaffermaw illi –

*'Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è destinata ad estinguere.'*

Izjed 'il quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

*'La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale'.*

Fil-kaz odjern, l-ilmentatur ma setax jaghmel l-azzjoni kif qed jghid il-provditur tas-servizz mill-jum li gie moghti l-parir biex jixtri l-prodott u, ghalhekk, il-

provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova z-zmien minn meta setghet issir l-azzjoni u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

L-eccezzjoni li l-provditur tas-servizz mhux il-legittimu kontradittur hija wahda frivola ghaliex il-provditur tas-servizz kien qed jagixxi bhala kumpanija awtorizzata mill-*MFSA* biex toffri servizzi ta' investiment u agixxiet bhala principal fil-konfront tal-ilmentatur meta bieghetlu l-prodott tal-*Lifemark.* Imkien ma gie ippruvat mill-provditur tas-servizz li meta kien qed isir il-bejgh tal-*Lifemark,* il-provditur tas-servizz qal lill-ilmentatur li kien qed jagixxi f'isem haddiehor. Dan qed jintqal issa biex il-provditur tas-servizz jahrab mir-responsabbiltà tieghu. Kien hemm relazzjoni guridika bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Lanqas l-eccezzjoni l-ohra li tghid li l-provditur tas-servizz ma kienx hu li qed jiggestixxi l-prodott imma agixxa '*bhala intermedjarju'* ghal haddiehor ma tista' tigi milqugha. L-ilmentatur inghata l-parir u nbieghelu l-prodott mill-provditur tas-servizz bhala kumpanija awtorizzata mill-*MFSA* u, bhala *Licenceholder,* kellha tagixxi skont ir-regoli marbuta mal-istess licenzja[1] u meta tat parir u bieghet il-prodott kienet qieghda tassumi r-responsabbiltà tas-servizz li kienet qed taghti. Imkien ma gie ippruvat mill-provditur tas-servizz li xi hadd qal lill-ilmentatur li l-provditur kien qed jagixxi f'isem haddiehor, u l-provditur tas-servizz qed iqajjem din l-eccezzjoni biex jahrab mir-responsabbiltà li hu kien qed jassumi meta kien qed ibiegh dan il-prodott. Ghalhekk, din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[2]**

L-ilmentatur qieghed bazikament jghid li l-provditur tas-serviuzz ma kellux jinvestilu dan l-ammont kbir ta' flus fi prodott wiehed li kien il-*Lifemark SIB*; li l-provditur tas-servizz bieghelu prodott taht il-pretest li kien investiment '*sigur'* u

---

[1] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* mahruga taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

li hu investa wara insistenza kbira mill-provditur tas-servizz biex jinvesti f'dan il-prodott li ma kienx addattat ghalih u ghax kien '*high risk';* u l-agir tal-provditur tas-servizz kien tali li kkaguna danni lill-ilmentaturi li kienu t-telf ta' flus li sofrew fl-investiment taghhom fil-*Lifemark*.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi kellhom esperjenza precedenti fl-investimenti u li mhux minnu li l-*Lifemark* kien prodott *high risk* u li ma kienx addattat ghalihom.

**Il-Prodott**

Dan il-prodott, il-*Keydata International Secure Income Bond (**SIB**),* kien ibbazat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-hajja fis-suq Amerikan. Hadd mill-partijiet ma pprezenta il-*brochure* ta' dan il-prodott imma mill-*brochure* li jinsab fil-pussess tal-Arbitru, jirrizulta li min hareg dan il-prodott ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku u b'tipa kbira li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro ghal perjodu ta' hames snin.

L-*SIB* kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities*. Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettal tal-istruttura legali (u kumplikata tieghu ), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.

Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/mewt tal-*life-assured* ma kinitx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas *premium* biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur. Dan johloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja.

Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal u b'hekk il-*premium* irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura lanqas wiehed jistenna li *retail investor,* bhalma huma l-ilmentaturi, kellhom ikunu f'qaghda li jaghmlu dan.**

**Apparti l-fatt ukoll li l-isem *SECURE INCOME BOND* jaghti lill-investitur bla esperjenza f'dawn it-tip ta' prodotti x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.**

Fil-fatt, hekk issottomettew l-ilmentaturi fl-ilment taghhom, jigifieri li l-kelma '*SECURE'* fl-isem tal-prodott kienet taghti wiehed x'jifhem li ma kienx hemm riskji.

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB* jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (*Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse* (simbolu tas-sigurtà) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalità tal-prodott:

'*Aims to provide return of capital after 5 years:*

*Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*

*Quarterly income option available'.*

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma' li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, però, l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

Taht it-titolu,[3] ***Benefits at a Glance,*** hemm dan it-test**:**

> *> An investment with NO Stock Market Exposure*
>
> *> Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*
>
> *> Available via banks, stockbrokers and direct investment*
>
> *> Low minimum investment – Only GBP10,000 / USD20,000 / €10,000*
>
> *> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*
>
> *> The issue is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg.*

[3] Pagna 5 tal-*brochure*

Hemm ukoll dan b'tipa kbira: ***'A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls'*****.**

Il-prodott kellu r-riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien se jmur kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Ir-riskji kif deskritti forsi kienu jaghtu l-impressjoni li ma kienux ivarjaw wisq minn uhud mill-prodotti l-ohra ta' investiment li forsi kienu qed jigu offruti lil investituri ohra. Il-prodott fl-ebda mument ma kien iwieghed protezzjoni assoluta ghall-kapital.

Però, ma jistax jitqies li dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB,* kien investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad with the *benefit of hindsight*, imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal *retail investors* kif kienu l-ilmentaturi.

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* li huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

Meta l-*MFSA,* li hija r-regolatur f'dan il-qasam, rat li kienu qed jinbieghu prodotti li huma *Asset-Backed Securities* bhal dan il-prodott, interveniet billi harget: *Warning to prospective investors about Asset-Backed Securities*[4] bhalma hu l-*SIB*, fejn qalet:

'*The Malta Financial Services Authority (MFSA) has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in 'bonds' or 'fund acccounts' whose performance is linked to assets, such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). By their very nature, these investments are not easy to understand.*

*Despite the fact that they may be promoted as 'alternative' to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve*

[4] *MFSA Consumer Media Release* 13/11/2009 (Ref. 05/2009)

*substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment……..'*

'*When it comes to redemption (selling) of these investments, these…restrict the investor from selling his holdings before the investment matures…'*

***'Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant risks.'***

**Kif inbiegh dan il-prodott u jekk kienx *suitable* ghall-ilmentaturi**:

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi kienu investituri tal-esperjenza ghaliex kellhom diversi investimenti ohra li whud minnhom kienu anke '*high risk'* u jelenka l-investimenti li kellhom.

Però, fl-affidavit tieghu, l-uniku xhud tal-provditur tas-servizz xehed li dawn il-prodotti kollha kienu gew mibjugha lill-ilmentatur mill-istess provditur tas-servizz:

'*Kien ilu klijent taghna mill-1996 u kien digà investa fi prodotti ohra bl-intervent taghna bhala intermedjarja. Qed nesebixxi kopji tal-Purchase Contract Notes ta' dawn l-investimenti kif ukoll xi prospetti relattivi…..*'[5]

Izda mix-xhieda ta' KJ, li mhix kontradetta, huwa jghid hekk dwar il-prodotti li ssemmew mill-provditur tas-servizz u l-element tar-riskju:

'*Nghid li l-investimenti li ssemmew mal-affidavit ta' Michael Schembri kienu tieghi u t'ohti. Jien nghid li dwar riskju kull meta kont ninvesti kont nghid lill-financial advisor: "Tirriskjalix il-flus". Lili ma qalulix li kien fih riskju'.*[6]

Galadarba x-xhieda ta' KJ mhix kontradetta jfisser li l-provditur tas-servizz *ex admissis* kien qed jinvesti flus l-ilmentatur u ohtu fi prodotti riskjuzi u, kif jghid

[5] A fol. 108
[6] A fol. 429

il-Malti, '*il-garra gejja u sejra, fl-ahhar tinkiser*'. U hekk gara fil-kaz tal-prodott li hemm l-ilment dwaru.

Barra minn hekk, meta l-Arbitru ta harsa lejn il-prodotti msemmija mill-provditur tas-servizz, l-ebda wiehed minnhom ma hu tan-natura tal-*SIB* li huwa *asset-backed security* u differenti ghal kollox mill-investimenti l-ohrajn precedenti tal-ilmentaturi.

Il-fatt li provditur tas-servizz ikun ha l-inizjattiva u ghazel prodotti li hu stess iqis li kienu riskjuzi ma jiggustifikahx biex jezonera ruhu mir-responsabbiltà dwar servizzi li jaghti wara. Huwa minnu li wiehed mill-kriterji li r-Regoli[7] jqisu ghal dik li hi esperjenza huwa l-volum ta' investimenti li wiehed ikun digà ghamel, imma dan huwa wiehed biss mill-kriterji li r-Regoli jsemmu biex jigi stabbilit jekk dwar it-tranzazzjoni li tkun qed issir l-ilmentatur kellux dik l-esperjenza mehtiega. Fil-fatt, Regola 2.22[8] tipprovdi li l-provditur ghandu jigbor:

'*Information regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field includes the following, to the extent appropriate to the nature of the client, the nature and extent of the service to be provided and the type of product or transaction envisaged, including their complexity and the risks involved:*

*a. the types of service, transaction and Instrument with which the client is familiar;*
*b. the nature, volume, frequency of the client's transactions in Instruments and the period over which they have been carried out;*
*c. the level of education, profession or relevant former profession of the client or potential client.'*

L-ilmentaturi ma kienux familjari ma' prodotti bhall-*SIB* u, ghalhekk, dawn il-kriterji ma gewx sodisfatti ghaliex huma kollha marbuta ma' '*the type of product or transaction envisaged, including their complexity and the risks involved'.*

[7] SLC 2.22
[8] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* (SLC)

Mid-dokumenti esebiti ma jidhirx lanqas li l-ilmentaturi kienu xi nies bi professjoni relatata mal-investimenti finanzjarji. Mill-*KYC* jirrizulta li l-ilmentatur kien '*manual worker*'[9] u klassifikat bhala '*retail client*'.[10]

Dwar l-ilmentatrici ma giet ipprezentata l-ebda *KYC*, u l-Arbitru mhux sorpriz dwar dan ghaliex kif ampjament jirrizulta mix-xhieda, il-provditur tas-servizz biegh dan il-prodott lill-ilmentatrici minghajr qatt ma iltaqa' maghha. Ghalhekk il-*File Note,*[11] ipprezentata mill-provditur tas-servizz, ma tistax isservi ta' spalla ghall-provditur tas-servizz minkejja li fiha l-firma tal-ilmentatrici. Il-provditur tas-servizz qatt ma ltaqa' maghha u, ghalhekk, ma setax jiehu l-informazzjoni kollha rikjesta mir-Regolamenti; u, peress li s-servizz kien wiehed '*advisory*', kellu jaghmlilha s-*Suitability Test* skont Regola 2.16, haga li naqas li jaghmel.

Ghalhekk, dak li xehed Michael Schembri li, galadarba l-ilmentatrici kienet iffirmat il-*File Note* dan kien xhieda ta' dak li gara waqt it-tranzazzjoni, ma jistax jittiehed bhala difiza ghall-provditur tas-servizz ghaliex mhux veru gara hekk.

Kif inghad, peress li s-servizz kien wiehed *advisory* kellu jsir is-*Suitability Test.* Dan skont dak stabbilit f'Regola 2.16 tal-*Investment Services Rules Standard Licence Conditions (SLC*) li jistabbilixxi li jridu jigu sodisfatti dawn il-kriterji:

a. **it meets the investment objectives of the client in question;**

b. **it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;**

c. **it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.**

Dwar l-ewwel kriterji, jigifieri li l-prodott *SIB* kienx jissodisfa '*the investment objectives of the client*', l-Arbitru ghandu biss ix-xhieda tal-ilmentatur li jghid li hu investa fl-*SIB* wara li inghata assikurazzjoni aktar minn darba li dan l-investiment ma kienx fih riskju.[12] Dan jikkonfermah fil-kontroezami fejn jghid:

[9] A fol. 72
[10] A fol. 80
[11] A fol. 36
[12] A fol. 52

'*Kont staqsejthielha kemm-il darba kienx fih riskju u baqghet tghidli le. L-advisor kienet wahda jisimha Erica u kien hemm ohra maghha. U ergajt staqsejtha u baqghet tghidli le.'*[13]

Din ix-xhieda tal-ilmentatur mhix kontradetta. Il-provditur tas-servizz kellu kull opportunità li jtella' tixhed lil Erica Caruana, li bieghet il-prodott, izda ghazel li ma jaghmilx dan. L-uniku xhud li tella' kien Michael Schembri, li ma kienx involut fit-tranzazzjoni, u qed jibbaza d-difiza tieghu kollha fuq il-*File Note* ghax, skont hu, din turi kif sehhet it-tranzazzjoni.

Kif intqal aktar 'il fuq, l-*SIB* kien *asset-backed security*, prodott kumpless u ma kellux jinbiegh lil '*retail client*' bhall-ilmentaturi; u dan anke kif sostniet l-*MFSA,* kif spjegat 'il fuq. Il-fatt li l-istess provditur tas-servizz kien biegh xi prodotti differenti lill-ilmentaturi li dejjem qaghdu fuq il-pariri tieghu, ma jfissirx li l-*SIB* kien qed jilhaq l-objettivi ta' investiment li riedu l-ilmentaturi.

It-tieni kriterju huwa jekk l-ilmentaturi setghux igorru t-telf tal-investiment skont l-oggettivi tal-investiment li kellhom. Il-provditur tas-servizz investa somom kbar ta' flus lill-ilmentaturi f'dan il-prodott. Fil-fatt, lil KJ, il-provditur investielu l-ewwel is-somma ta' USD47,617,[14] u x-xahar ta' wara, rega' investielu somma kbira ohra ta' USD43,718.[15] Mistoqsi jekk offrewlux prodotti ohra minbarra l-*SIB,* l-ilmentatur qal li dan kien l-uniku prodott li kienu offrewlu f'dawk it-tranzazzjonijiet.[16]

Zgur li l-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li ma jinvestix somma daqshekk sostanzjali f'investiment wiehed kumpless bhall-*SIB*, izda kellu l-obbligu li jferrex l-investiment biex inaqqas ir-riskju. L-espert kien il-provditur tas-servizz u l-piz jaqa' fuqu ghaliex huwa dejjem kien obbligat li jagixxi fl-ahjar interessi tal-klijent.

Izda, jirrizulta li seta' kien hemm interessi ohra. Michael Schembri xehed hekk in kontroezami:

'*Mistoqsi jekk Erica u dik li kien hemm maghha kienux bhala procedura jiehdu xi commission talli jbieghu il-prodott, nghid li jkollhom salarju u dan imbaghad ikun*

[13] A fol. 429
[14] A fol. 90
[15] A fol. 83
[16] A fol. 430

*topped-up skont is-sales li jkunu ghamlu. Nghid li l-commission tkun on the amount of sale'.*[17]

Bla dubju, l-impjegati tal-provditur tas-servizz meta bieghu il-prodott in kwistjoni, kellhom konflitt ta' interess car ghax aktar ma jkun kbir l-ammont ta' investiment, aktar kienu ser jiehdu *commission*. Imma, skont ir-Regola 2.01,[18] il-provditur kellu jagixxi hekk:

*'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients'.*

Din hija regola bazika fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, hija mifruxa mas-settur kollu u giet imdahhla fil-ligi taghna mid-Direttiva *MiFID*, u issa wkoll sabet ruhha b'mod aktar enfatiku fil-*MiFID II*.

L-Arbitru m'huwiex konvint li meta kienet qed tigi investita din is-somma daqshekk massiva fi prodott wiehed, il-provditur kien qed iqis, l-ewwel u qabel kollox, l-interessi tal-konsumatur. Ghalhekk inkiser dan il-principju baziku ta' onesta, professjonalità u dak li hu fier.

It-tielet kriterju tas-*Suitability Test* huwa li ***'the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction'*****.** Dan il-provditur jipprova jiggustifikah billi jghid li l-ilmentaturi kellhom xi investimenti ohra qabel il-prodott *de quo*. Però, irrizulta wkoll, mill-analizi li ghamel l-Arbitru ta' dawn il-prodotti, li l-ebda wiehed ma kien l-istess bhall-*SIB* u, ghalhekk, l-investimenti li l-istess provditur tas-servizz kien ghamlilhom fil-passat, (meta dejjem qaghdu fuq il-parir tieghu), ma kienux bizzejjed biex jaghtihom dak in-'*knowledge*' u l-esperjenza '*in order to understand the risks involved in the transaction'*.

Ghalhekk lanqas dan il-kriterju ma gie sodisfatt. B'hekk jirrizulta li l-provditur tas-servizz biegh prodott li ma kienx '*suitable*' ghall-ilmentaturi u, ghalhekk, dan il-prodott gie '*missold*'.

[17] A fol. 430
[18] *SLC*

*Misselling* ta' prodott finanzjarju jsehh meta tigri wahda, jew aktar, minn dawn l-eventwalitajiet:

- Ma jigix spjegat ir-riskju involut;
- Meta ma jinghatax taghrif kif il-flus ikunu ser jigu investiti;
- Meta l-prodott ma jissodisfax il-bzonnijiet (*not suitable*) u l-attitudni tar-riskju tal-investitur;
- Meta ma jigix spjegat il-prodott mibjugh;
- Meta ma jigux spjegati l-kundizzjonijiet u t-termini marbutin mal-prodott;
- Meta jinghata taghrif qarrieqi *(misleading*) dwar il-prodott;
- Meta ma jigux spjegati c-*charges* relevanti u l-penalitajiet marbuta ghal min johrog kmieni mill-prodott;
- Ma jigix spjegat id-dritt tal-*cooling-off period* u d-dritt li bniedem jikkancella fejn il-prodott finanzjarju jitlob dan.

Din il-lista hija wahda ezemplikattiva u m'hijiex ezawrjenti. Mill-mod kif sehhet it-tranzazzjoni ma gewx spjegati r-riskji involuti fl-*SIB*, anzi meta intqal lill-ilmentatur li l-prodott ma kienx fih riskji kien qed jinghata taghrif qarrieqi (*misleading*) dwar il-prodott. L-isem tal-prodott bhala ***'Secure Income Bond'*** kien ukoll jimmilita f'din id-direzzjoni.

Il-provditur tas-servizz permezz ta' Michael Schembri jghid li, skont il-*File Notes,* jirrizulta dak li gara fil-laqghat li saru; u minnhom jirrizulta li gew offruti prodotti varji li kien hemm fis-suq u li kienu addattati ghal dawn il-klijenti u jirrizulta li gew spjegati lilhom id-dettalji ta' dan il-prodott.[19]

L-Arbitru ra dawn il-*File Notes,*[20] li huma fi *standard form*, ipprintjati b'tipi zghar hafna tant li hu difficli hafna biex taqrahom u huma, essenzjalment, dokumenti ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz. Huma ezercizzju ta' ittikkjar ta' kaxxi u, ghalkemm hemm il-firma tal-ilmentaturi, ma jfissirx li kienu konsapevoli ta' dak

[19] A fol. 107
[20] A fol. 33-37

li ffirmaw. L-iskop ta' dawn il-*File Notes,* bil-mod kif inhuma redatti, jidher bl-aktar mod car li ttiehdu biex iservu biss ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz.

U, f'dan ir-rigward, l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak li gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Evelyn Farrugia et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd.,*[21] fejn il-Qorti qalet hekk:

'*Hu minnu illi l-atturi iffirmaw il-contract note, però, l-Qorti ma tqisx illi l-fatt wahdu tal-firma tikkostitwixxi xi akkwiexxenza tal-konsapevolezza tal-investiment u r-riskji inerenti u jekk dan kienx addattat ghalihom. Dan jinghad ghax l-istess contract note ma tiddefinix ir-riskji u kulma tghid hu illi l-investiment jista' jizdied u jonqos; kondizzjoni li tinsab f'kull investiment u in oltre tali kuntratt lanqas inqara jew gie spjegat minn min kien qed johorgu. Wara kollox is-socjetà konvenuta kellha d-dmir versu l-klijent li talab is-servizzi taghha biex taghtih kull informazzjoni rilevanti biex tghinu jasal ghal decizjoni informata u libera.'*

L-Arbitru jaqbel ma' dan ir-ragunar tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u jzid li kuntratt ta' investiment fil-qasam tas-servizzi finanzjarji m'huwiex kuntratt semplici ta' bejgh ta' oggett kwalunkwe. Dan huwa qasam ibbazat fuq l-'*expertise*' ta' kumpanija licenzjata mill-*MFSA* biex toffri parir lil min ma jifhimx daqsha f'dan il-qasam bl-iskop li jigu protetti l-flus ta' nies li jkun ilhom ifaddlu flushom u li ma jistghux jitilfu kapriccozament. Kien proprju ghalhekk li l-*MFSA* avzat li prodotti kumplessi u *asset-backed securities* bhall-*SIB* ma kellhomx jinbieghu lil '*retail clients'* bhalma kienu l-ilmentaturi.

Dak li inghad fil-konfront tal-ilmentatur, KJ, jinghad b'mod aktar emfatiku fil-konfront ta' ohtu li xehdet quddiem l-Arbitru, li hi kienet tafda f'idejn huha, li tal-*GlobalCapital* qatt ma kienu kellmuha u hija kienet tiffirma l-karti li kien igibilha huha. Dan ifisser li qatt ma sarilha *Suitability Test* (tant li hadd ma esebih), u l-*File Note* li ffirmat saret f'cirkustanzi aktar serji minn ta huha ghaliex, galadarba l-provditur tas-servizz ma ltaqax maghha, ma setax jispjegalha l-kontenut taghha kif kellu l-obbligu li jaghmel. Hu l-ilmentatrici ma kienx *financial advisor* u, ghalhekk, ma setax jassumi r-rwol tal-provditur tas-servizz. Ir-responsabbiltà ta' *Licence Holder* tohrog mir-Regoli msemmija u l-provditur tas-servizz qatt ma jista' jabdika minn dawn l-obbligi.

---

[21] Deciz

Fil-konfront tal-ilmentatrici wkoll sehh *misselling* tal-prodott ghall-istess ragunijiet li inghataw ghall-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz naqas ukoll ihares *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur',*[22] u ma agixxiex fl-ahjar interessi taghhom,[23] kif ukoll ma mexiex b'mod professjonali kif kien mistenni minnu bhala *Licence Holder* licenzjat mill-*MFSA*.

Huwa naqas ukoll li jwettaq dik id-diligenza ta' *bonus pater familias* fit-twettieq tal-obbligazzjonijiet tieghu.[24]

Ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment taz-zewg ilmentaturi huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz,[25] u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.

Huma ghandhom jitpoggew kemm jista' jkun fil-pozizzjoni li kienu fiha qabel ghamlu dan l-investiment. Mis-somma investita, l-Arbitru qed inaqqas ir-rikavat li rcevew.

Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikoli 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd*. thallas

a. lill-ilmentatur, KJ, is-somma ta' sitta u sebghin elf, tlett mija u ghoxrin dollaru Amerikan (USD76,320), jew l-ekwivalenti taghhom fl-ewro skont l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, u

b. lill-ilmentatrici, RJ, is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, erba' mija u sbatax-il dollaru Amerikan (USD25,417), jew l-ekwivalenti taghhom fl-ewro skont l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez legali ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.

---

[22] Kap. 555, Art 19(3)(c)
[23] SLC 2.01
[24] Kap. 16, Art 1124 A et seq
[25] Kap. 555, Art 19(3)(b)

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji